SANNAT

Minuti tas-sitta u erbgħin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 3 ta' Mejju 2012 fis-7.30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

2201 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru 44 li saret fid-29 ta' Marzu 2012, il-Minuti tal-laqgħa numru 45 imsejħa b'urġenza li saret fil-25 ta' April 2012.

**Item 2. Mill-Minuti**

2202 *(para. 2114)* Il-MEPA bagħtu s-soft copy tal-mappa tal-lokalita'. Din ingħatat lil Refalo Signs li kien ingħata x-xogħol tagħha wara sejħa għal kwotazzjonijiet.

2203 (*para. 2115*) Il-lift beda jiffunzjona. Il-Kunsill mar il-bank biex iħallas parti mill-kont tal-loan tal-bank tal-Kalkara tal-Ġir u l-parti l-oħra mill-fondi tal-Kunsill. Għalhekk il-*loans* għal bini tal-uffiċini tal-Kunsill ġew eżawriti kollha. Il-Viċi Sindku saqsa lis-Segretarju jekk l-ispejjes li saru biex inbena l-uffiċċju l-ġdid kienux iktar minn dawk li kien stmat. Is-Segretarju qallu li l-flus li ntefqu kienu l-flus tal-loan u l-€11,647 li l-Kunsill kellu joħroġ mill-fondi tiegħu. Id-differenza żejda li nħarġet mill-Kunsill kienet fuq il-lift li ġie jiswa €22,689 meta kien stmat li ser jiġi jiswa €13,980.

2204 (*para. 2116*) It-tender tal-EcoGozo u l-Żvilupp Reġionali għal Pedestrianisation of Open Space fi Triq Skerla ġiet estiża għaliex kien hemm xi dokumeti tal-perit li ma kinux imdaħħla.


Kunsill Lokali – Ta' Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

2205 *(para. 2120)* Fir-rigward tal-bibien tal-Kalkara tal-Ġir, is-Segretarju qal li dan ma għandux jitħallas għaliex ix-xogħol ma sarx skont l-ispeċifikazzjoniet tal-kwotazzjoni. Is-Sindku ried li dan il-kuntrattur jitħallas imma tinkiteb ittra risposta għal ittra bl-avukat tiegħu rigward in-nuqqasijiet tal-kuntrattur. Inġibdet l-attenzjoni mill-Viċi Sindku li l-bibien huma miżjudin. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra permezz tal-avukat fejn jissemma li l-bibien ma sarx tal-aħmar skont il-kwotazzjoni, imma tal-marine plywood, huma bibien miżjuda fil-ġnub, tieqa żgħira li kellha issir f'bieb minnhom ma saritx u *groving* fil-bibien ma sarx. Il-kuntrattur għandu jintalab sabiex jirranġa l-bibien, jagħmel il-*groving* fil-bibien u t-tieqa tal-bieb li ma saritx.

2206 (*para. 2127)* Is-Segretarju ppreżenta għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport li kien sar dwar il-ħsarat fil-playing field.

2207 (*para. 2129)* Il-perit bagħat d-draghftsman biex ikejjel il-bibien u twieqi ta' ħdejn il-Kalkara tal-Ġir tal-uffiċċju il-ġdid sabiex tinħareġ il-kwotazzjoni għal ħadid iggalvanizzat għat-twieqi u bieb tal-btieħi tal-uffiċċju l-ġdid.

2208 (*para. 2131)* Il-ħarġa għal kulħadd f'Malta saret nhar it-Tlieta, 3 ta' April 2012.

2209 *(para. 2135)* Rigward il-ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' fi Triq Mġarr ix-Xini tal-IPSL ġew u qed jibnu dak il-ħajt li hemm fil-bidu tan-niżla. Rigward l-ieħor ta' qabel il-pompa tal-ilma għandu jinġieb highup biex itella' l-ġebel minn ġol-għalqa. Simon Sultana għandu jiġi kkuntattjat sabiex jipprovdi l-high up.

2210 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-iskemi pendenti. Il-Kunsilli Lokali ingħataw sal-aħħar ta' April sabiex jissottomettu s-sitwazzjoni tal-proġetti taħt l-iskemi li hemm pendenti u meta ser jitlestew. Il-kontijiet tal-lift ġew imħallsa kollha. Rigward tal-PPP id-Dipartiment qalulna li qed jistennew li l-Kunsill jispoċċa n-negozjati li qed isiru minnu fih.

2211 Il-Greenpak taw il-boroż lill-Kunsill sabiex jitqassmu lir-residenti. Huma nfurmaw ukoll lill–Kunsill li l-lokalita' ta' Sannat ġiet fit-tielet post f'Malta u Għawdex bħala persentaġġ ta' ġbir ta' skart separat. Il-kuntratt għandu jerġa' jiġi mġedded għal sena oħra.

2212 Inħarġet it-tender għall-embellishment tal-wesgħa ta' Triq Skerla li tikkonsisti billi ssir pavimentar u parkeġġ għal karrozzi. Din it-tender għalqet fil-4 ta' Mejju 2012. Din ser tiġi estiża sa 18 ta' Mejju 2012 biex ikun hemm Bill of Quantities għal materjal differenti.

2213 Inħarġet it-tender tal-progett tal-Measure 313, il-Bidwi Park. Din tagħlaq fil-11 ta' Mejju 2012, imma ser ikollha tiġi estiża. Dan ser isir għar-raġuni li l-perit niżżel fl-Specific Conditions li hu jitħallas mill-kuntrattur. Din hi xi ħaġa li ser tiġi solvuta mill-Paying Agency flimkien mad-Dipartiment tal-Kuntratti. Il-Kunsillier Joe Bajada qal li nnota li l-kuntrattur li kien qed jagħmel ix-xogħol tal-Proġett Measure 323 għar-restawr tal-ħajt tas-sejjieħ ta' Triq Ras in-Newwiela, kompla x-xogħol jibni ħajt tas-sejjieħ li jifforma parti mill-Proġett tal-Measure 313 tal-Bidwi Park. Hu qal li xi ħadd ta ordni lill-kuntrattur sabiex jibda jibni dan il-ħajt tas-sejjieħ. Għal dan ix-xogħol fil-preżent hemm l-offerta li għadha miftuha u ser tagħlaq f'Mejju 2012. Hu ried ikun jaf min ta l-ordni mill-Kunsill biex jibni dan l-ħajt l-ieħor li jappartjeni it-tender tal-Measure 313. Is-Segretarju qal li hu ma jafx min ordna dan ix-xogħol. Is-Sindku qal li l-perit hu responsabli. Il-perit Edward Scerri għandu jiġi mistieden biex jitkellem mal-Kunsill dwar dak li ġara fil-bini tal-ħitan tas-sejjieħ tal-Measure 323 u Measure 313 fejn il-kuntrattur beda x-xogħol mingħajr approvazzjoni fuq tender tal-aħħar.


Kunsill Lokali – Ta' Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

2214 Ħarġet it-tender tal-playing field ta' Triq Marsiena sabiex isir embellishment tiegħu. Għal dan il-proġett ser intalbu l-flus li hemm f'dan il-fond tal-Urban Improvement Fund. F'dan il-fond hemm €33,000. Il-proġett ser jiġi madwar €37,814. Qed ikun hemm ħafna queries mill-bidders għaliex bill of quantities mhux ċar u dettaljat. Dawn il-bill of quantities ma sarx ta' kull biċċa xogħol li ser isir, item b'item. Dawn il-bill of quantities ma jinkludux il-bankijiet, il-*waste bins* jew *garden furniture u d-dawl* ma humiex inklużi. Il-Kunsill irid jara x'ser jagħmel bl-equipment li hemm.

2215 Saret il-Field Day għat-tfal tal-iskola Primarja ta' Sannat hi abbinata ma' Jum Sannat.. Kull tifel u tifla ser jingħataw flixkun ilma b'xejn.

2216 Rigward il-korsijiet tal-Aerobics applikaw erbgħin persuna. Dawn ser jibdew il-ġimgħa d-dieħla.

2217 Għal korsijit tal-komputers applikaw tmien persuni.

2218 Il-Weekend Break f'Malta għal kulħadd ser isir bejn l-4 u s-6 ta' Mejju 2012.

2219 Il-Premju Ġieh Sannat intrebaħ minn Giorgina Gauci.

2220 Rigward t-tiżjin tal-Milied il-Kunsill, il-Kunsillier Teddy Bajada qal li dan hu każ tal-pulizija u l-Kunsill qabel li s-Segretarju jmur jagħmel rapport lill-Pulizja rigward il-każ.

2221 Il-Kunsill għandu jagħmel xi tibdil fl-iskedi tax-xogħol l-*Specific Conditons tal-Cleaning and Maintenanece of Park and Gardens fir-rigward tat-tisqija tal-ilma*. Inġabu hand quotations mill-lista tal-Yellow Pages. Dawn inġabu għal ftit żmien sa kemm tinħareġ it-tender. Dawn kienu:

| Nru. | Kuntrattur | Volum | Ammont |
|---|---|---|---|
| 1. | Charlie Borg Water Supply | 1,600 gallun | €19.00ċ |
| | | 2,500 gallun | €24.00ċ |
| | | 4,000 gallun | €34.00ċ |
| 2. | Sammy Attard | 3,000 gallun | €35.00ċ |
| | | 6,000 gallun | €53.00Ċ |

Il-Kunsill ma ħax deċiżjoni dwar dawn il-kwotazzjonijiet.

2222 Rigward is-siġar tal-Pjazza Santa Margerita nkitbet ittra lill-MEPA għal permess biex jinżabru.

2223 Rigward il-bollard ta' Giorgia Muscat, il-Kunsill ma qabilx li din għandha ssir għaliex iridu l-permess kif ukoll jekk issir waħda hemmhekk iridu jsiru kull fejn jintalab. Is-Sindku qabel li din issir u l-erbgħa Kunsilliera oħra ma qablux. Hu talab li jitniżżlu l-ismijiet tal-persuni li ma jaqblux.

**Item 3 Korrispondenza**

SANNAT

2224 Memo 17/2012 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-Skema EGOV4U għall Kunsilli Lokali.

2225 Memo 18/2012 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar mistoqsija Parlamentari Numru 33851 dwar il-kntijiet tat-telephone għas-sena 2010, 2011 u sa Marzu 2012.

2226 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali iridu update dwr is-sitwazzjoni tal-PPP

2227 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-iskema pendenti li għandu l-Kunsill mill-2009 sal-2011.

2228 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-pubblikazzjonijiet tas-Sejħiet tal-Offerti li xi Kunsilli Lokali mhux qed iħallu xahar żmien kif hemm stipulat fil-proċeduri dwar Kunsilli Lokali (Offerti). Fejn ma jsirx dan dawn mhux ser jiġu ppublikati.

2229 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li biex l-email tal-Kunsill titkabbar irridu inħalsu €11.21 fis-sena.

2230 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-Skema ta' finanzjament għall-attivitajiet kulturali b'referenza għal Memo 65/2011 li meta jsiru posters/reklami għal dawn l-attivitajiet kulturali għandhom jintbagħtu lil Ms. Mary Grace Pace qabel ma jiġu stampati.

2231 Ittra mill-Paying Agency rigward il-ħlas tal-perit fit-tender tal-Measure 313. Il-perit il-ħlas tiegħu daħlu fit-tender biex dan jitħallas mill-kuntrattur direttament. Il-Paying Agency ma qablitx u ser tagħti direzzjoni dwar il-każ flimkien mad-Dipartiment tal-Kuntratti. Il-Kunsill jista joħroġ it-tenders l-oħra.

2232 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Green Public Procurment rigward it-*tender 03/2012 – Construction and finishing of Tal-Bidwi Park.*

2233 Ittra mill-Wasteserv fejn talbu informazzjoni rigward il-ħinijiet tal-ġbir, u t-tip ta' skart li jinġabar kuljum.

2234 Il-G4S Services infurmaw lill-Kunsilli Lokali li mill-1 ta' Mejju 2012 is-servizz tal-ġbir tal-flus ser tkun ta' €15, l-VAT, mhix inkluża. Dan sar imħabba l-ispejjeż li qed ikollhom.

2235 Ittra mill-MEPA li Statement of Funds tal-Urban Improvement funds hu €33,019.

2236 Il-GreenPak ħarġu r-rapport tal-2011 dwar il-ġbir ta' Skart separat f'Malta u Għawdex. Ta' Sannat ġie fl-ewwel post minn Għawdex u fir-raba' post f'Malta u Għawdex. Il-kuntratt ġie mġedded għal sena oħra.

2237 Ittra mingħand Jennifer Attard fejn talbet sabiex iż-żewġ gruppi li għandha jkunu jistgħu jipparteċipaw f'Notte Scarlatta.

2238 Ċirkulari mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward l-għażla ta' sitt żgħażagħ sabiex jieħdu sehem fi proġett tal-Youth in Action.

2239 Il-MEPA infurmat lill-Kunsill li l-permess PA/02405/09 tal-Bidwi Park ġie approvat imma għad baqa' xi tibdil żgħir li jrid isir fuq il-public convenience qabel jinħareġ.

SANNAT

## Item 4. Materja Oħra

2240 Il-Kunsillier Marlene Muscat ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fuq il-Gazzetta l-Orizzont xi ħadd kiteb u qal li saret konferenza stampa mis-Sindku u ħadd ma attenda għal din il-konferenza meta l-Kunsilliera Nazzjonalisti lanqas biss kienu jafu. Is-Sindku qal li din il-konferenza tal-aħbarijiet saret mill-Partit Laburista u mhux minnu. Il-Kunsilliera Nazzjonalisti talbu sabiex tingħata risposta fejn jingħad li din kienet organizzata mill-Partit Laburista u l-Kunsilliera Nazzjonalisti ma kienux infurmati. Is-Segretarju qal li hu lanqas kien infurmat. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra fejnj ingħad li din il-konferenza tal-aħbarijiet kienet organizzata mill-Partit Laburista u mhux mill-Kunsill.

Joe Bajada qabel mal-Kunsillera Marlene Muscat. Hu kompla qal li ma għandhomx jiġu mistiedna kuntratturi għal laqgħat tal-Kunsill meta jkun qed jiġi diskuss l-operat tagħhom għaliex dawn xi ħadd qed jinfurmhom biex ixekkel id-deċiżjonijiet li jkunu ser jittieħdu. Il-Kunsillier Teddie Bajada qal li jekk darba oħra jiġi xi kuntrattur waqt li jkunu qed jiddiskutu l-operat tiegħu u ma jkunx mistieden hu jitlaq ‘il barra.

## Item 5. Ilmenti

2241 Is-Sezzjoni tal-Beach Cleaning kitbu fejn qalu li erba’ tabelli bil-kanna b’kollox insterqu kif ukoll biċċa mir-railing. Hemm railing ieħor tat-taraġ irid isir mill-ġdid. Il-moll fejn jorbtu id-dgħajjes tħaffer minn taħt u sar perikoluż. Il-Kunsill reġa’ kiteb u l-Malta Transport infurmaw lill-Kunsill li kellhom imorru jagħmlu spezzjoni fuq il-post. Il-Kunsill qabel li l-bankijiet li hemm imkissra fil-bajja ta’ Mġarr ix-Xini jinbidlu kollha.

2242 Gorg Curmi, 84, Triq ta’ Gokk, Xewkija talab li ssir mera fi Triq tal-Gruwa fil-kantuniera ħdejn il-kappara u l-arblu tad-dawl.

2243 V. Gregory f’isem ir-residenti ta’ Triq l-20 ta’ Lulju kitbet fejn talbu biex jiġu nfurmati meta x-xogħol ta’ resurfacing fit-triq tagħhom ser isir. Huma qalu li s-sena l-oħra kienu mwegħda li ser issir. Il-Kunsillier Teddie Bajada talab kopja tal-ilment biex jiktbilhom hu. Is-Sindku qallu li ser jikteb hu.

2244 George Azzopardi 99/100 Triq Xabbata talab biex jitranġa ħajt imwaqqa’ fil-bidu tan-niżla ta’ Mġarr ix-Xini qabel jerġa’ jinxteħet it-terrapien kif kien sar qabel ma nbena. Dawn dan l-ilment ġa ttieħdet azzjoni u ntbagħtu xi ħaddiema tal-IPSL.

2245 Rose Fava f’isem ir-residenti ta’ Triq l-10 ta’ Ottubru 1942 biex isir xi ħaġa dwar l-istat ta’ din it-triq li hi fi stat perikoluż. Peress li hemm ħafna ħofor perikolużi, il-Kunsill qabel li jsir patching tal-ħofor il-kbar ta’ din it-triq.

2246 John Gambin ta’ 11, Kampanjola, Triq Bardan ilmenta biex tiġi rranġata it-triq fejn joqgħod imħabba l-istat ħażin tat-triq. Il-Kunsill ġa kien imwiegħed mill-Ministeru għal Għawdex li l-parti fejn hi residenzjali ser ingħata t-tarmak. Il-Kunsill qabel li ssir ħadida max-xifer tal-bankina sabiex ma ssirx ħsara. Rigward l-istess triq fejn tal-Virdun it-trakkijiet kissru l-bankina. Is-Sindku qal li hu kiteb lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp. Ix-xogħol ser jibda dalwaqt.

2247 Victoria Galea ta' 12 Tria l-Kbira talbet biex tinbidlilha l-bankna tad-dar tagħha għax bħalissa qiegħda madum u ħdar u krih. Hi tixtieq li ssir b'madum tas-siment imma mhux tal-bricks.

2248 Is-Sindku qal li Anthony Cassar ta' Ċenċ Mansions talab sabiex isiru Double Yellow Lines quddiem il-garaxx tiegħu. Dan ġie approvat.

2249 Is-Sindku qal li Tarcisio Said ta' Triq il-Kbira irid li jsiru Double Yellow Lines faċċata tal-garaxx tiegħu. Il-Kunsillier Teddy Bajada qal li nistgħu nagħmlu *Double Yellow Lines* quddiem kull garaxx f' ta' Sannat. Cisju Said li kien preżenti qabeż u qal lill-Kunsilier Teddie Bajada li kien hu li oġġezzjona għar-*Reserved Parking* quddiem ir-residenza ta' ommu. Hawnhekk qam battibekk bejniethom u l-Kunillier Teddie Bajada dahar fuq is-Sindku u qallu li dan sar jaf mingħandu jew mingħand ommu għaliex mhux l-ewwel darba li minn ikun preżenti jmur jgħid lir-residenti li hu qed joġġezzjona għal xi lmenti li jkunu għamlu xi residenti għaliex ma jkunux ġustifikati. Is-Sindku ċaħad dak li qal il-Kunsillier Teddie Bajada. Din ir-Reserved Parking kienet ġie approvat mill-Kunsill kollu.

2250 Ilment ieħor kien biex issir mera fi Triq Bardan faċċata ta' Triq Gerxija. Il-Kunsill approva din il-mera u għandha ssir talba lil Transport Malta.

**Item 6. Il-Public Private Partnership**

2251 Rigward it-tarmak is-Sindku qal li l-Kunsill għandhom isiru t-toroq li hemm tal-PPP. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li jkun aħjar li l-ewwel jiġi diskuss u approvat il-Budget 2012 għaliex il-Kunsill irid jara minfejn ser inaqqas l-ispejjeż għaliex skont il-Financial Statements tal-awditur, il-*carry forward* hu inqas mill-dak previst imħabba id-*deferred income*. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li d-dejn mhux permess. Apparti il-P.P.P. biex isir il-proġett tal-playing field ta' Triq Marsiena (Sannat Junction) skont l-istima tal-perit, il-Kunsill irid iħallas €4,400 mill-allokazzjoni tiegħu tal-ewwel kwart tas-sena 2013.

**Item 7. Notte Scarlatta**

2252 Notte Scarlatta ser issir fit-2 u t-3 ta' Ġunju 2012. Il-Kunsill għandu jaħseb għal kwotazzjonijiet tal-flyers u l-billboard.

**Item 8. Bini tal-uffiċċju Amministrattiv il-ġdid**

(*para. 2128*) Rigward l-għamara għall-uffiċċju l-ġdid, il-kwotazzjonijit għalqu fit-23 ta' April 2012. Il-kwotazzjonijiet li nxeħtu huma dawn:

2253 Schedule of Quotations

**Quotation FUR-01/2012**
**Schedule of Quotations for the manufacture of reception desk and reception wall unit for new Sannat Local Council Offices at Triq Sannat**

Closing date 23rd April 2012

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1 | George Zammit | € 1,910.00ċ<br>€ 2,157.00ċ |
| 2 | Gatt Tarmac Ltd. | € 2,439.40ċ |
| 3 | Eurocraft Ltd. | € 4,400.00ċ |
| 4 | Joe Zammit | € 2,165.00ċ |
| 5 | Audio Visual Centre | € 6,931.00ċ |
| 6 | Andy Refalo | € 5,654.00ċ |

L-għażla ta' din il-kwotazzjoni tħalliet għal laqgħa oħra wara li jsir r-rapport tal-perit.

2254 **Schedule of Quotations**

**Quotation FUR-02-/2012**
**Schedule of Quotations for the manufacture of new office desks for new Sannat Local Council offices at Triq Sannat**

Closing date 23rd April 2012

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1 | George Zammit | €1,011.95c (Opt. 1)<br>€1,180.00c (Opt. 2) |
| 2 | Peter Attard | €1,183.00c |
| 3 | Eurocraft Ltd. | €3,630.00c |
| 4 | Joe Zammit | €1,105.00c |
| 5 | Audio Visual Centre | €2,387.00c |
| 6 | Andy Refalo | €1,473.00c |
| 7 | Gatt Tarmac Ltd. | €1,439.10c |

L-għażla ta' din il-kwotazzjoni tħalliet għal laqgħa oħra wara li jsir r-rapport tal-perit.

2255 **Schedule of Quotations**

**Quotation 03/2012**

## Schedule of Quotations for the manufacture of new wall units for new Sannat Local Council offices at Triq Sannat

**Closing date 23rd April 2012**

| No. | Contractor | | Amount |
|---|---|---|---|
| 1 | George Zammit | | € 3,275.00ċ<br>€ 3,640.00ċ |
| 2 | Peter Attard | | € 1,478.00ċ |
| 3 | Eurocraft Ltd. | | € 1,900.00ċ |
| | | Steam beech melamine MDF 18mm | €1,600.00ċ |
| 4 | Joe Zammit | | €1,895.00ċ |
| 5 | Audio Visual Centre | | € 3.150.00ċ |
| 6 | Andy Refalo | | € 1,732.00ċ |
| 7 | Gatt Tarmac Ltd. | | € 2,874.61ċ |

L-għażla ta' din il-kwotazzjoni tħalliet għal laqgħa oħra wara li jsir r-rapport tal-perit.

2246 **Schedule of Quotations**

**Quotation FUR-04/2012**

**Schedule of Quotations for the manufacture of archiving wall units for new Sannat Local Council Offices at Triq Sannat**

**Closing date 23rd April 2012**

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1 | Gatt Tarmac Ltd. | €3,886.40ċ |
| 2 | George Zammit | € 2,485.00ċ (Opt. 1)<br>€ 2,902.00ċ (Opt. 2) |
| 3 | Peter Attard | € 3,740.00ċ |
| 4 | Eurocraft Ltd. | € 4,380.00ċ (Opt. 1)<br>€ 1,840.00ċ – Stream Beech Melamine MDF 18mm (Opt. 2) |
| 5 | Joe Zammit | € 3,170.00ċ |

| | | |
|---|---|---|
| 6 | Audio Visual Centre | € 3,900.00ċ |
| 7 | Andy Refalo | € 2,800.00ċ |

L-għażla ta' din il-kwotazzjoni tħalliet għal laqgħa oħra wara li jsir r-rapport tal-perit.

2257 **Schedule of Quotations**

**Quotation FUR-05/2012**
**Schedule of Quotations for the manufacture of kitchen units for new Sannat Local Council offices at Triq Sannat**

**Closing date 23rd April 2012**

| **No.** | **Contractor** | **Amount** |
|---|---|---|
| 1 | George Zammit | €2,912.38c (Opt. 1)<br>€3,141.60c (Opt. 2) |
| 2 | Peter Attard | €2,593.00c |
| 3 | Eurocraft Ltd. | €5,275.00c |
| 4 | C. Fino Ltd. | €3,737.35c<br>€2,504.10c |
| 5 | Joe Zammit | €1,552.00 |
| 6 | Audio Visual Centre | €5,297.00c |
| 7 | Andy Refalo | €3,125.00c |
| 8 | Gatt Tarmac Ltd. | €2,604.00c |

L-għażla ta' din il-kwotazzjoni tħalliet għal laqgħa oħra wara li jsir r-rapport tal-perit.

2258 Rigward in-notice board fuq barra, key cupboard u żewġ cupboards għas-sistema tat-telephone tal-Kunsill intalbu l-kwotazzjonijiet għalihom. Ġew kuntattjati diversi kumpaniji. Dawn kienu li xeħtu l-kwotazzjoni tagħhom:

| Nru. | Isem | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Aperturi Limited | €899.16ċ |
| 2. | Zammit Aluminium | €1,137.66ċ |

Il-Kunsill għażel dik ta' Aperturi Ltd. għall- prezz ta' €899.16ċ

2259 Ġiet preżentata l-istima tax-xogħol tal-kuntrattur Joseph Attard li kien ħa l-offerta tal-finishing għal-xogħol relatat max-xogħol li għamel li kien ta' €1,282.66ċ.

2260 Is-Segretarju qal li hemm bżonn ta' safe għal uffiċċju l-ġdid. Dwar din ma tteħditx deċiżjoni.

2261 Rigward l-air conditions is-Sindku qal li għalissa l-Kunsill joqgħod mingħajrhom. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li wieħed miż-żewġ airconditions li hemm hu rriparabli għaliex qed jaqa' biċċiet u jintefqu l-flus għal xejn.

2262 L-uffiċċju l-ġdid ser jiġi nawgurat mill-President ta' Malta fis-27 ta Mejju 2012. Il-Kunsill approva l-istima ta' Joseph Attard li għamel tax-xogħol tal-finishing li kien għad baqa' li kienet ta' €1,282.66ċ.

2263 Ftuħ tal-kwotazzjonijiet tal-Open Space ta' ħdejn il-Kalkara tal-Ġir

Infetħu l-kwotazzjonijiettal-Open Space bil-porfido slabs li kienu:

**Quotation 06/2012**

**Schedule of Quotations for the paving with portofido slabs of a small open space near the new Sannat Local council offices at Triq Sannat**

**Closing date 24th April 2012**

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1 | Pius Attard | € 5,435.90ċ |
| 2 | Simon Sultana | € 5,962.26ċ |
| 3 | Joseph Mercieca | € 4,948.47ċ |
| 4 | Joseph Portelli | € 4,078.46 |

**Item 9. Il-Budget 2012**

2264 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li irid inaqqas mill-proġetti li hemm fid-draft budget għaliex l-Kunsill ser jispiċċa joħroġ bid-*deficit.* Is-Sindku qal li l-Kunsill jiddejjen bħalma għamlu Kunsilli oħra. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li dejn ma jistax isir. Il-Budget tħalla għal laqgħa oħra. Gew approvati l-Audited Finanacial Statements għas-sena 2011.

**Item 10. Approvazzjoni ta' kont urġenti**

*2265* *Il-Kunsill approva l-kont ta' Pius Attard għal* soiling of Recreational area ta' Daħla taĊnus. sabiex tkun tista' ssir l-claim tal-fondi mill-Ecogozo.

2266 Il-Kunsill qabel li jġedded il-kuntatt tal-Avukat Grazzio Mercieca bħala konsulent legali tal-Kunsill għal sena oħra. Il-Kunsill approva l-kuntratt tal-Perit Edward Scerri għal sena oħra għar-raġuni li għandu ħafna proġetti mibdija u jrid jispiċċa x-xogħol tagħhom bir-responsabiltajiet kollha li jirrikjedu dawn il-proġetti.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis,10 ta' Mejju 2012 fejn għandhom jiġu mistieden Gatt Tarmac Ltd. rigward il-PPP.

Arthur Bajada

Segretarju Eżekuttiv

Philip Vella

Sindku